IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 41

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**SKUŻAT:**

Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**41.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

41.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi talab biex ikun skużat minħabba li jinsab imsiefer fuq proġett tal-Unjoni Ewropea jirrappreżenta lill-kunsill lokali. Apoloġija approvata.

**41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

41.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 40 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**41.3 Korrispondenza**

41.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Ruth Micallef għan-nom ta' 'Blue House' li tinsab fi Triq Paċifiku Scicluna li talbet *no objection* tal-kunsill għal rampa li tkun tista' titneħħa mit-triq sabiex persuni b'diżabbilità jkunu jistgħu jaċċessaw din id-dar imsemmija. Il-kunsilliera preżenti approvawha unanimament.

41.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur George Agius b'talba sabiex it-taraġ li minn Triq La Vallete jagħti għal Triq Santa Skolastika u li bħalissa jinsab taħt l-isem, Triq Santa Skolastika, jinbidel u jsir Triq Santinu Zahra, membru tal-M.U.S.E.U.M. li ħadem tant fil-qasam tal-Birgu. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

41.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Ministru l-Onor. Silvio Schembri sabiex il-ġibjun li jinsab fiż-żona Tal-Ħawli, jaqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali tal-Birgu wara l-kumpanija ELC battlet l-ilma kollu għall-użu tagħha u għaldaqstant saret ħsara fil-pompa tat-tisqija li l-kunsill installa ftit xhur ilu bħala parti mis-sistema ta' irrigazzjoni għall-ħawt li jinsab ftit 'il bogħod mill-ġibjun stess.

41.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Perit tal-Awtorità tal-Artijiet, is-Sur John Schembri dwar ix-xogħol li sar fuq il-Belvedere tas-Simenta fejn din iż-żona ġiet pavimentata mill-ġdid bil-blokok żgħar tal-concrete liema blokok jidher li ma twaħħlux bis-cement u apparti hekk, il-fili ma ntlewx lanqas. Minħabba dan

ix-xogħol ħażin li sar, il-mappa tal-Birgu li kellha titwaħħal, il-blokok inqalgħu magħha u qed jidħol ħafna ilma fil-garaxxijiet ta' taħt dan il-belvedere.

41.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Keith Gatt, għan-nom tal-amministrazzjoni tal-Mużew Marittimu sabiex issir oġġezzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar applikazzjoni ta' wieħed mir-ristoranti li jinsab fil-Waterfront tal-Birgu fejn dan qed japplika għal struttura tal-ħġieġ flok umbrellel. Il-kunsilliera preżenti qablu li l-kunsill għandu jibgħat l-oġġeżżjoni tiegħu għal din l-applikazzjoni minħabba l-valur storiku taż-żona minkejja li hija żona kummerċjali.

41.3.6 Preżentati stimi għal xogħol fuq ħawt kbir u ċint li jinsabu fin-nofs bejn Triq San Lawrenz u Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa. L-irħas offerta ta' Paul Cilia ġiet approvata unanimament mill-kunsilliera preżenti.

41.3.7. Preżentata korrispondenza mis-Sinjura Beverly Saliba mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward iż-żbir tas-siġar li jinsabu mad-dawra tal-grawnd tal-Fortini, faċċata tal-iskola Lorenzo Gafà, liema siġar kienu qed ixebilku ħafna fuq il-fence tal-grawnd. Is-Sindku rrimarka li minħabba dawn is-siġar, il-kunsill ġie rrapurtat min uffiċjal fil-Kumitat tal-Vittoriosa Stars F.C. lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex isir dan ix-xogħol.

41.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Rita Micallef, responsabbli mill-proġett 'Ikber Magħna' dwar il-ktieb Karamellu tar-Raħal t'Isfel sabiex jinxtraw numru ta' kopji u jitqassam lit-tfal tal-iskola primarja mir-raba' (4) sas-sitt (6) sena. L-ispiża totali hija ta' €275 (mitejn, sebgħa u ħamsin Ewro) sabiex jinxtraw ħamsin (50) kopja tal-ktieb li wieħed u erbgħin (41) minnhom se jitqassmu l-iskola u l-oħrajn jinżammu mill-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li jinxtraw dawn il-kotba.

41.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Zineb Chakir dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-kunsill fl-assoċjazzjoni CoPaM. Is-Sindku qal li l-inqas kontribuzzjoni li tiġbor fiha postijiet b'inqas minn ħamsin elf (50,000) abitant hija ta' elfejn (2000) Ewro. Is-Sindku qal li din il-kontribuzzjoni hija wisq għall-kunsill meta tqis li fil-Birgu m'hawnx aktar minn elfejn u ħames mitt (2500) abitant. Il-kunsilliera preżenti qablu li din ma titħallasx u għaldaqstant is-Sindku kellu jikkomunika mas-Sinjura Chakir dwar din.

41.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Ministru l-Onor. Hosè Herrera dwar diversi toroq perikolużi fil-Birgu li kienu ġew pavimentati

liema toroq qed jiżolqu ħafna u qed ikunu ta' periklu għall-kulħadd. B'mod partikolari, hemm Triq il-Kardinal Prospero Grech u Triq it-Torri ta' San Ġwann.

41.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Frank Zammit, l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Vatikan fejn qed jinforma lis-Sindku li l-Kunsill Lokali tal-Birgu se jkollu l-opportunità li jiltaqgħa mal-Q.T. l-Papa Franġisku wara l-Udjenza tal-Papa, nhar l-Erbgħa 10 ta' Novembru 2021. Is-Sindku qal li għal din l-okkażjoni, il-kunsilliera li xtaqu jattendu jridu jħallsu kollox huma. Is-Sindku qal li jekk kulħadd jaqbel, is-Sindku jippreżenta d-donazzjoni ta' ħamest elef Ewro (5000) għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, biex tingħata lill-Papa u jqassamhom fil-missjoni tal-karitattiva tiegħu. Is-Sindku qal li b'xi mod jew ieħor dawn il-flus se jġibhom mid-donazzjonijiet li jiġbor b'risq il-kunsill. Is-Sindku qal li għal din iż-żjara kien se jinforma wkoll lill-Arċipriet tal-Parroċċa u lill-Pirjol tal-komunità Dumnikana. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-proposti tas-Sindku. Il-Viċi-Sindku qal lis-Sindku sabiex kif ikun Ruma, jixtri karlotta bajda bħalma jilbes il-Papa u jagħmel skambju ma' dik li jkollu l-Papa sabiex din imbagħad tibqa' tifkira fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-Berġa ta' Franza.

41.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mark Bajada dwar il-proġett iRIde li s-Sinjura Rita Micallef tkellmet mas-Sindku dwaru. Dan il-proġett jinvolvi studju dwar vetturi tal-elettriku u l-possibilità ta' xiri ta' van tal-elettirku li jwassal id-deliveries tal-ħwienet mid-daħla tal-Birgu sal-ħwienet sabiex jigu evitati trakkijiet li jħammġu l-arju fil-qalba tal-lokalità. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li nkunu parti minn dan il-proġett.

### 41.4 Impjieg ta' sewwieq *part time* għall-vann tal-anzjani

41.4.1 Is-Sindku propona biex tinħareġ sejħa għal sewwieq part time għall-vann tal-anzjani f'każ li Charlie Boxall jiddeċiedi li jieqaf mis-servizz li qed jagħti fuq bażi volontarja.

41.4.2 Il-Kunsillier s-Sur Anton Gellel faħħar ix-xogħol u s-servizz li qed joffri Charlie Boxall għax huwa servizz ta' responsabbiltà u li jitlob *commitment*. Is-Sur Gellel qal li sakemm dan is-servizz qed jingħata b'xejn mis-Sur Boxall, ma jarax il-bżonn li toħroġ din is-sejħa. Il-Viċi-Sindku, is-Sur Christopher Cassar kien tal-istess fehma u qal li b'din is-sejħa, hemm iċ-ċans li dan il-volontier, ankè jekk huwa stess japplika għal dan il-part time, jista' jitlef l-opportunità li jintgħażel huwa.

41.4.3 Is-Sindku qal li jkun aħjar li din id-deċiżjoni tittieħed fil-laqgħa li jmiss mill-kunsilliera filwaqt li s-Sindku joħroġ mil-laqgħa minħabba ċans ta' kunflitt ta' interess.

**41.5 Konferenza tal-proġett ActiveEU**

41.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tal-konferenza tal-proġett ActiveEU li saret fil-Polonja u li għaliha attendew is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku. Din il-konferenza għandha l-għan li l-pajjiżi Ewropej jibqgħu magħqudin taħt il-kappa tal-Unjoni Ewropea u li flimkien jikkoperaw fuq temi importanti. Il-konferenza kienet titratta wkoll is-sitwazzjoni tal-Brexit.

41.5.2 Is-Sindku qal li l-konferenza li jmiss se ssir Malta bejn l-24 u s-27 ta' Jannar 2022 u għaldaqstant, flimkien mal-organizzatur tal-proġett, irridu nħejju sabiex nilqgħu lill-membri kollha li jattendu għal din il-konferenza.

**N.B. 17:50 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel talab sabiex ikun skużat mil-laqgħa.**

**41.6 Impjieg ta' skrivan/a *part time* mal-kunsill**

41.6.1 Is-Sindku qal li tinħass il-ħtieġa li tal-inqas, ankè fuq bażi part time, għandu jkun hemm skrivan/a fil-front office tal-kunsill. Is-Sindku spjega li qed jipprova jġib ħaddiem/a mħallsa mil-iskema peress li l-waħda li tnaqqset mill-Kunsill tal-Birgu, għadha ma ġietx sostitwita.

**41.7 Approvazzjoni tal-Applikazzjoni - Finanzjament tal-Milied 2021**

41.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill, ċirkulari *SPI/SCO/6/2021 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021* flimkien mal-applikazzjoni li ġiet sottomessa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tiġi organizzata l-attività tal-Milied taħt l-isem, Birgu by Christmas Lights.

41.7.2 Is-Sindku qal li l-ispejjeż elenkati fl-applikazjoni, li qed jiġi mitlub il-finanzjament għalihom, mhux se jkunu iffinanzjati minn sorsi oħra.

41.7.3 Għaldaqstant, l-applikazzjoni għall-Finanzjament tal-Milied 2021, ġiet approvata unanimament mill-kunsilliera preżenti.

41.7.4 Il-Viċi-Sindku, is-Sur Chris Cassar, qal li tkun ħaġa sabiħa jekk għal din l-attività, il-kunsill jikteb direttament lis-Soċjetà tal-MUSEUM sabiex il-Bambin tal-Milied li kien jintuża fil-Purċissjoni organizzata mill-istess soċjetà, jingħata lill-kunsill sabiex jitpoġġa għall-wiri fl-intrata tal-Berġa ta' Franza. Is-Sindku flimkien

mal-kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

41.7.5 Is-Sindku qal li għal din is-sena, ankè b'rabta mal-attività tal-Milied, xtaq li jiżdied aktar it-tiżjin tal-Milied madwar il-Birgu. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament u qablu wkoll li d-dwal għandhom jibdew jinxtegħlu mid-9 ta' Diċembru 2021 sas-6 ta' Jannar 2022.

**N.B. 18:18 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel reġa' ngħaqad fil-laqgħa.**

**41.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

41.8.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera preżenti li nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru 2021, se jsir kunċert fuq il-pjanu minn artista brava u li l-ispejjeż tal-kunċert u parti mir-reception ta' wara, se tkun iffinanzjata minn benefattur.

41.8.2 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-Erbgħa 29 ta' Diċembru, hemm il-ħsieb li jsir kunċert ieħor fuq il-pjanu, din id-darba, jkun kunċert tal-Milied.

41.8.3 Is-Sindku qal li t-tifel tiegħu Karl jixtieq jagħmel festin ta' għeluq żmienu fl-intrata tal-Berġa ta' Franza u li għal din l-okkażjoni se jkun qed jagħti donazzjoni lill-kunsill bħalma jagħmlu persuni oħra. Il-kunsilliera preżenti ma' sabu ebda oġġezzjoni.

41.8.4 Is-Sindku qal ukoll li x-xogħol fuq il-ktieb bir-ritratti tal-Birgu tal-passat u preżenti, jinsab fi stat avvanzat u fl-istess waqt, qed jinġabru aktar donazzjonijiet sabiex dan il-ktieb ma jkunx ta' piż finanzjarju fuq l-allokazzjoni tal-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu li dan il-ktieb, ma jitqassamx bieb bieb lir-residenti tal-Birgu, iżda tintbagħat notifika lill-kulħadd li min jixtieq, jista' jiġi jiġbor kopja mill-kunsill u jagħti donazzjoni ta' mhux inqas minn ħames (5) Ewro.

**41.9 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 32** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6113** sa **BOV 6151** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvawha b'mod unanimu.

**41.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir l-Erbgħa 24 ta` Novembru 2021 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **24 ta' Novembru 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |